ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 62** **IT-TLIETA 28 TA' FRAR 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsillier)**

**Is-Sindku** Jesmond Aquilina, **il-Kunsilliera** Angelo Briffa, Jeffrey Camilleri, Dennis Zammit, Bjorn Azzopardi, Margaret Mercieca, Simon Vella Gregory, **il-Viċi Sindku** Kenneth Busuttil (7.10pm), u Ralph Puli (7.10pm)

**Il-Kunsillier** Jason Busuttil u Thomas Harmsworth informaw li ma kienux se jattenduA minħabba mard u kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**62/01** **MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 61**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 61 li nżammet nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 61 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**62/02** Il-Viċi Sinku Kenneth Busuttil u l-Kunsillier Ralph Puli(7:10pm) daħlu għas-seduta.

**62/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2012**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2012
**b)** *Bank Payments* Frar 2012
**c)** *Petty Cash* Frar 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.

**Ivvutaw Favur** id-disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**62/04** **AĠĠUSTAMENTI FIR-RAPPORT FINANZJARJU ANNWALI 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju Annwali 2011 bl-aġġustamenti proposti mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, u mill-Udituri tal-Gvern, u talab lill-*Accountant* tal-Kunsill Christian Vella sabiex iressaq spjega tar-rapport. **DOK 'B'**

Is-Sur Vella fisser li fl-awditjar li sar fil-bidu ta' Frar li għadda, l-udituri ressqu aġġustament tal-iStock, filwaqt l-aggustamenti l-oħra li saru huma frott tal-osservazzjonijiet li saru mill-auditur, u li ħadna f'dan ir-rapport u b'riżultat t'hekk dawn irriflettew pożittivament fir-riżultat finali tar-rapport finanzjarju.

L-*Accountant* fisser li l-ammont ta' €3,000 dwar l-istock ta' kotba li l-Kunsill irċieva sabiex jitqassmu bla ħlas matul is-sena 2012 mill-ewwel maqtugħa mill-kotba, u dan l-aġġustament sar.

Informa wkoll li sar ukoll aggustament biex jirriflettu korrettament il-pożizzjoni tal-Kunsill mal-kumpanija Wasteserv Malta Ltd, flimkien ma' numru ta' bidliet mitluba mill-National Audit Office. **DOK 'C'**

Il-Kunsill unanimament qabel li l-pożizzjoni tal-Wasteserv Malta Ltd tibqa' kif ppreżentata fil-Financial Statements.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-Accountant għall-ispjega li ta' lill-Kunsill u ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.
Ivvutaw Favur id-Disa' (9) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota

kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

Il-Kunsill unanimament approva il-Mozzjoni u dan id-dokument kien iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv f'seba' kopji li se jingħataw lura lill-Udituri tal-Gvern, sabiex jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali.

**62/05 KONKLUŻJONI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** fisser li-l-esperjenza ta' dawn il-ħames snin kienu mill-isbaħ fejn il-Kunsill kompla jitgħallem li bil-ħidma u l-għajnuna ta' kulħadd irnexxielna naqtgħu figura tajba u l-Qriema kollha apprezzaw dan, aktar mix-xogħol li sar, aktar l-ispirtu ta' għaqda li wrejna kif ghandu jitmexxa kulsill b'mod ċivili.

**Is-Sindku** rringrazzja lill-Kunsillier Angelo Briffa tal-ħidma kollha tiegħu fil-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu, lill-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, u lill-Kunsilliera Jeffrey Camilleri u Dennis Zammit issa li mhux se jerġgħu jikkontestaw fl-elezzjoni li ġejja fl-10 ta' Marzu.

**Is-Sindku** għadda biex jirringrazzja lil Kunsilliera l-oħra kollha għall-inkoraġġiment, fiduċja u sostenn fil-mumenti ta' diffikultajiet wara l-ħruq għal darbtejn tar-residenza. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma kollha li wettaq tul is-snin ta' servizz lill-Kunsill, lill-impjegati Segretarji, ħaddiema ssekondati mal-kunsill, lill-cleaners li lkoll ħadmu bla waqfien, lill-Kuntratturi li għamlu xogħolhom kif mistenni, lil dawk kollha li ħadmu fis-sotto-kumitati li taw l-għajnuna kollha lil dan il-ħames Kunsill.

**Is-Sindku** awgura lil kulħadd suċċess fl-elezzjoni, u wassal ix-xewqa ta' kulħadd. Il-Kunsilliera rreċiprokaw dawn ix-xewqat u lkoll irringrazzjaw lis-Segretarju Ezekuttiv John Farrugia li ser jispiċċa għax daħal fiż-żmien tal-pensjoni, għall-ħidma bla waqfien fl-interess tal-Kunsill.

**62/06 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tlieta 28 ta' Frar 2012 fis-7:45 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:35 ta' fil-għaxija.

**Jesmond Aquilina** — **John Farrugia**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
**(Jum)** **(Data)** **(Xahar)**